**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 20

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 26 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 19

20.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-dsatax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

20.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

20.2.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sur Dalli avża lil kunsilliera kif Triq Sir Ugo Mifsud sa fl-aħħar lesta mit-tarmac. Huwa qal li IM għadt baqala pero tagħmel xi ftit manutenzjoni fil-bankini u barra minn hekk baqa ukoll li jiġu mplementanti s-sinjali tat-triq u linji tal-parkeġġi.

20.3.2 Is-Sindku qal kif avviċinawh il-membri tal-kamra tan-nar u nfurmawh bi applikazzjoni tal-ippjanar li ħareġ fuq il-lokalita tan-Naxxar biex isir żvilupp. Is-Sur Dalli qal kif il-kamra tan-nar issottomettiet oġġezzjoni bl-għajnuna tal-perit tagħha mal-Awtorita tal-Ippjanar. Il-Kunsill appoġġa l-kamra tan-nar billi telgħa fuq is-sit tal-Awtorita tal-Ippjanar ittra ta' oġġezzjoni huwa ukoll.

20.3.3 Is-Sur Dalli għarraf lil kunsilliera kif il-ħaddiema tal-kunsill bħalissa qed jagħmlu manutenzjoni fuq l-arbli tad-dawl li hemm fil-*Housing Estate*. Dan qed jsir xkatlar fuqhom u wara jinżebgħu.

20.3.4 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol ta' restawr li beda jsir fuq il-ħitan tas-sejjieħ, fejn il-kuntrattur beda mill-ħajt tas-sejjieħ li hemm fi Triq il-Mitħna, faċċata tal-kappella tal-Mirakli. B'dispjaċir huwa qal li appena dan il-ħajt tlesta waqa kollu f'daqqa reġgħa. Huwa għamel kuntatt regolari mal-kuntrattur u l-perit dwar dan u ħalla f'idejn il-perit biex bħala persuna intiża fuq dan ix-xogħol jieħu ħsieb jara x'ġara u li x-xogħol isir b'reqqa kif suppost ħalli ma jerġax jiġri nċident simili. Ix-xogħol ta' restawr fuq il-ħajt tas-sejjieħ, faċċata tal-kappella tal-Mirakli, reġgħa beda mill-ġdid ftit tal-jiem ilu.

20.3.5 Is-Sur Dalli qal kif il-kunsill irċieva mingħand il-*Lands Department*, konferma li tingħata b'*encroachment* l-art fejn hemm il-mini pitch tal-5-a-side. Pero minkejja dan għadu qed jiġi kkreat kuntratt li għandu umbgħad jiffirma għalih l-kunsill u kif ukoll għadt baqa tingħata r-rata mingħand il-*lands department* lil kunsill ta' kemm ser tiswa l-*encroachment* għal din l-art. Is-Sur Dalli żied jgħid kif huwa diġa kkuntatja lis-Sur Sant (Foundation for Tomorrow's schools) dwar dan u aġġornah dwar l-applikazzjoni ta' *encroachment* tal-kunsill.

20.3.6 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif fi Triq Annibale Preca aktarx ser isir intervent biex issir *drainage house connection* ġdida fil-parti fejn għadu kemm sar it-*tarmac* u anke fil-parti fejn ghadt trid issir it-triq.

20.3.7 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-każ tal-qorti tal-*flooding* u s-sentenza li ngħatat mill-Qorti. Huwa spjega kif il-perit ta' dak iż-żmien, il-Perit Rizzo Naudi ġie l-kunsill jitħadded miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv dwar is-sentenza mgħottija mill-Qorti. Il-Perit Rizzo Naudi ma jaqbilx mal-Qorti u l-mod kif ingħatat is-sentenza u nfatti ssottometta appell. Il-kunsill minn naħa tal-amministrattiv għamel ir-riċerki kollha tiegħu fejn anke sab il-minuti tal-kunsill ta' dak iż-żmien u anke sab il-kuntratt li kien għamel il-kunsill ma' Polidano Brothers bid-dokument tat-tender. Minn dan id-dokument jidher ċar kif il-kuntrattur, Polidano, kien marbut u responsabbli li jkollu polza ta' assigurazzjoni, li tkopri kemm lilu u kif ukoll lil kunsill f'każ li jsiru xi ħsarat jew aċċidenti. Din l-informazzjoni kollha li sab il-kunsill ġiet mgħoddija lil avukati, GTG advocates, u fuq bażi ta' din l-informazzjoni u l-kuntratt li kien inseħħ dak iż-żmien, GTG advocates għandhom jiktbu ittra direttament lil Polidano, fejn legalment jinfurmawh li skond il-kuntratt tax-

xogħlijiet li kien sar bejn il-kunsill u bejnu, Polidano kien responsabbli jagħmel polza ta' assigurazzjoni. Għalhekk il-kunsill ser ikun qed jgħarraf lil Polidano li kemm il-darba huwa naqas jagħmel din il-polza, u ma mexxiex mar-rekweżiti tal-kuntratt ser ikun obbligat jħallas il-parti tas-somma tal-kunsill ukoll, dik ta' sitt elef ewro. Il-Kunsill unanimament qabel li għandha tintbgħat din l-ittra.

20.3.8.1 Is-Sindku reġgħa tkellem dwar it-tiżjien tal-Milied. Kif kien diġa diskuss fi seduti preċedenti, huwa tal-parir li d-dwal għas-siġra tal-Milied jinxtraw mingħand il-kuntrattur li rama s-siġra tal-Milied is-sena li għaddiet, ħalli umbgħad jibqgħu tal-kunsill u l-istess dwal jerġgħu jintużaw għal snin oħra. Il-prezz għal kull pakket tad-dawl jiswa 15 il-ewro, u l-kunsill għandu bżonn ħamsa u tlettin pakkett biex jarma siġra sħiħa, jiġifiri d-dawl ser jammonta għal total ta 525 ewro. Barra minn hekk biex jarma s-siġra, l-kuntrattur qed jitlob ukoll stima addizzjonali ta' 200 ewro li tinkludi armar u żarmar tas-siġra kompluta. Is-Sur Dalli żied jgħid kif il-kunsill jifdallu ukoll żewġ spejjeż xi jsiru inkonnessjoni mas-siġra tal-Milied. L-ewwel spiża hija li trid issir polza ta' assigurazzjoni fuq din is-siġra biex dejjem il-kunsill ikun kopert f'każ li jsir xi aċċident, filwaqt li t-tieni spiża marbuta ma' kiri ta' *cherry picker* biex din tkun tista tiġi kemm armata u kif ukoll żarmatha. Din is-siġra għandha tkun armatha għal perjodu bejn it-8 ta' Diċembru 2020 u s-6 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-preparazzjoni u l-ispejjeż relatati.

20.3.8.2 Rigward il-kumplament tat-tiżjien fil-pjazza, is-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk jaħsbux li huwa aħjar li l-kunsill jagħżel ikompli jimla aktar siġar bid-dawl u jasal b'dan it-tiżjien kważi sa' ħdejn it-torri minnflokk isir it-tiżjien tan-nofs li kien pjanat li jitweħħel fil-pjazza minn naħa għall-oħra. Il-Kunsill unanimament qabel li apparti is-siġra tal-Milied għandu jkun hemm tiżjien bi *fairy lights* ġos-siġar li hemm fil-pjazza u anke fis-siġar li hemm f'parti minn Vjal it-Trasfigurazzjoni sa kantuniera ma' Triq Robert Mifsud Bonniċi. Ma' din l-ispiża tal-fairlights ukoll hemm bżonn ta' spiża oħra għall-kiri ta' *cherry picker*. Il-kunsill unanimament qabel dwar dawn l-ispejjeż ukoll.

20.3.9 Is-Sindku qed jissuġġerrixi li jingħataw żewġ ċertifikati ta' *award* lil żewġ żgħażagħ, Rachel Lowell u Nataniel Attard. Dawn is-sena l-oħra rebħu l-ewwel tal-kbar u l-ewwel taż-żgħar tal-indipendenza u ma ġewx rikonoxxuti ta' dan. Il-kunsil unanimament qabel li għandhom jiġu preparati u jingħataw dawn iċ-ċertifikati bħala rikonoxximent.

20.3.10 Is-Sur Dalli tkellem dwar it-tieni applikazzjoni li ssottometta l-kunsill biex jerġa jakkwista fondi mingħad l-ARPA ħalli jiġu rrestawrati aktar ħitan tas-sejjieħ fir-raħal, li sfortunatament ma ġietx milqugħha. Din l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa għaliex skond l-evalwazzjoni tal-bord il-kunsill ma laħaqx il-punti neċċessarji li hemm bżonn fi żewġ kriterji partikulari, waħda minnhom hija minħabba l-*cost effectiveness*, fuq bażi tal-*BOQ* li pprepara l-perit. Is-Sindku spjega kif riċenti huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom *meeting* onlajn mad-direttur tal-ARPA, fejn waqt din il-meeting huwa espriema id-diżappunt tiegħu għall-fatt li l-kunsill ma kkwalifikax għal dawn il-fondi u dan sempliċiment għaliex il-perit, li ma kellux triq oħra lanqas, pprepara *BOQ* daqsxejn għolja. Barra minn hekk is-sindku talab għal *ranking list* biex ikun jaf fejn il-kunsill ikkwalifika mal-parteċipanti l-oħra u din ma ngħatatx kif kien isir fi snin ta'qabel. Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif dwar dan huwa issa ser iressaq mistoqsija parlamentari għax dawn finalment huma fondi pubbliċi.

20.3.11 Is-Sindku għarraf lil kunsilliera kif TM bgħatet korrispondenza lil kunsill fejn qed tgħid li Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela ser issir *one-way* u ser tiġi mplementatha minn TM stess fi żmien qasir. Hemm permess approvat biex din il-*one-way* propju tiġi attwata. Kopja ta' din il-korrispondenza intbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa mis-segretarju eżekuttiv. Din il-*one-way* ser tiġi mplementatha bi dħul li jista jsir biss minn naħa ta' Triq il-Mosta fejn hemm is-*showroom* ta' Ħalmann. Is-Sur Dalli għarraf lil kunsilliera kif huwa kiteb lura lil TM fejn reġgħa nfurmahom biex minnflokk isiru *bollards* fin-nofs ta' Triq Pantar ħalli wieħed ma jkunx jista jaqsam għal Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela u b'hekk m'hemmx bżonn sistema ta' *one-way*. Huwa reġgħa staqsa lil TM jekk il-bdiewa li jużaw din it-triq almenu mhux ser jingħataw permess li huma biss jgħaddu *two-way* peress li jagħmlu użu mit-triq fuq bażi frekwenti minħabba li għandhom l-għelieqi. Risposta mingħand TM għall-mistoqsijiet li għamel is-sindku għadt m'hemmx. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li kemm bil-*bollards* fi Triq Pantar u anke bit-*traffic lights* li kienet issuġġeriet hi biex isiru fit-triq, żgur ma jkunx hemm bżonn ta' *one-way* u l-problema tat-traffiku tiġi solvutha. Il-Kunsill ser jibqa jiġri wara TM u jibgħat *reminders* dwar is-suġġerimenti li huwa qed jiproponi minflokk issir l-implementazzjoni ta' sistema ta' *one-way*.

## 20.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

20.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera kien hemm tnejn. Iż-żewġ mistoqsijiet kienu ndirizzati lis-Sindku u saru mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-kap tal-Minoranza tal-Kunsill. Kopja tal-mistoqsijiet annessi mal-minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-mistoqsijiet u s-Sindku kompla billi wieġeb għall-mistoqsijiet u ta ir-risposta tiegħu.

20.4.2 Is-Sindku qal kif dawn il-mistoqsijiet diġa ġew imwieġba b'permezz ta' informazzjoni li huwa qasam mal-kunsilliera fis-sezzjoni 20.3 tal-istess seduta; Komunikazzjoni mis-Sindku.

## 20.5 Korrispondenza

20.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet x'inhi korrispondenza nru 0600/20. Is-Sindku wieġeb kif kien hemm xi ħadd għamel ilment dwar *reserved parking bay* u kaxxa ta' *wheel chair* li hemm fi Triq Sant Andrija. Il-Kunsill bgħat dan l-ilment lil TM u rriżulta li minkejja l-persuna għal min kienu saru dawn il-kaxxi hija mejta xorta waħda għadt għandhom użu għal ħaddieħor li jgħix f'din ir-residenza.

20.5.2 Is-Sur Zahra għamel mistoqsija dwar korrispondenza nru 0604/20. Is-Sindku wieġeb kif anke fi Triq Annibale Preca fejn l-istatwa ta' San Ġużepp ma' Triq il-Kbira Balzan, kien hemm ilment dwar reserved parking bay u hemm ħsibijiet li xi ħadd jaf qed jabbuża minn din il-kaxxa. Wara konferma mingħand TM, is-Sindku qal li l-persuna għal min saret din il-kaxxa għadha ħajja u ser isiru xi nspections mill-istess entita biex jekk qed isiru xi abbużi mill-użu tal-blu badge, dawn jinqataw.

20.5.3 Il-Viċi sindku Daniel Mallia xtaqt ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza nru 0610/20. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbitu kif hemm resident fi Triq Nazju Cortis li għandu ħsieb jixtri karozza *electric* pero fl-akwata fejn joqgħod m'hemmx *electric charging pillar*. Għalhekk hija kkorrispondiet ma' TM u GoTo biex forsi jsibu kompromess bejniethom u jinstallaw *charging pillar* fl-akwata. Jidher pero li din it-talba ma tantx intlaqgħet tajba, speċjalment mingħand TM għaliex ir-risposta li ngħatat kienet li l-kunsill kellu ċans fil-passat jikteb biex ikollu mill-inqas tlett *charging pillars* fil-lokal. Barra minn hekk is-Sur Sandro Azzopardi ta' TM qal li bħalissa għaddejjien taħdidiet sabiex ikun hemm sinerġija aħjar għal tali charging pillars u l-implimentazzjoni tagħhom. Dan jfisser li l-proċess biex tiġi installatha charging pillar kif mitlub fi Triq Nazju Cortis jaf ikun wieħed twil.

20.5.4 Il-Viċi Sindku għamel mistoqsija dwar korrispondenza nru 0614/20 ukoll, bl-isem ' CIR AKL 2020/116 *Outdoor Potable water dispensers'*. Is-Segretarju eżekuttiv spjegat kif l-AKL bgħatet korrispondenza lil kunsilli lokali dwar inizjattiva li qed tieħu WSC biex jitpoġġew diversi *dispensers* tal-ilma fuq barra, bl-inċentiv biex jonqos aktar l-użu tal-plastik. Hija qalet li din il-korrispondenza bgħatet kopja tagħha lil kunsilliera kollha u anke rreġistrat lil kunsill lokali bħala wieħed mill-kunsilli interessat li jkollu *dispenser* bħal dan. WSC issa għandha tagħmel kuntatt mal-kunsill b'aktar dettalji. Is-sindku qal lil kunsiliera biex jilħqu jaħsbu fi akwata li fl-opinjoni tagħhom jaħsbu li hija waħda tajba fejn fiha jista jitpoġġa dan id-dispenser u jidher li qisu hemm qbil li dan jitpoġġa fl-akwata tal-Mirakli faċċata tal-kappella.

20.5.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet klarifika dwar korrispondenza nru 0624/20. Is-Segretarju Eżekutiv infurmatha kif minħabba il-*covid 19*, iċ-ċentru ta' fejn jintrema l-iskart ta' Ta Qali kien wieħed fost li ngħalaq. Dan inserta kien iċ-ċentru li jagħmel użu minnu l-kuntrattur tal-kunsill u għalhekk temporanjament kelna nwaqfu s-servizz tal-ġbir tal-iskart goff sakemm il-kunsill applika għal permessi ġodda fuq sit ieħor li għadu miftuħ u ġew approvati t-talli permessi. Il-Kunsill applika u ngħata permessi biex ikun jista jidħol fis-sit tal-Imrieħel u għalhekk is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff issa ser ikun qed jerġa jopera b'mod normali.

## 20.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

20.6.1.1 <u>Ċirkulari SPI/SCI/5/2020 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill ċirkulari ta' finanzjament relatata ma' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern. Kopja ta' din iċ-ċirkulari ntbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Jekk interessat il-kunsill għandu ċans jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sal-4 ta' Diċembru 2020.

20.6.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kontenut ta' din iċ-ċirkulari u spjegat lil kunsilliera kif fil-baġit ta' sena 2019 ġiet imħabbra miżura u twaqqaf fond speċjali ta' €200,000 biex il-kunsilli lokali jibbenifikaw minn fondi biex iwettqu manutenzjoni meħtieġa ta' dawn il-proġetti fil-lokalitajiet tagħhom. Dan il-fond żdied bi €100,000 u għaldaqstant din is-sena l-kunsilli lokali jistgħu jibbenifikaw minn total ta' €300,000 għal-manutenzjoni u sostenn ta' dawn il-proġetti. Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn xi proġetti li ġew imwettqa mill-Gvern mis-sena 2017 l'hawn huma eliġibbli li japplikaw għal dan il-fond.

20.6.1.3 Wara dan hija kompliet tgħid kif f'din iċ-ċirkulari hemm imniżżel li l-kunsill ser ikun iffinanzjat 85% tal-ispiża rikjesta skond il-marki allokati mill-Bord tal-Evalwazzjoni u kif il-proġett irid jitlesta sal-Ġimgħa 28 ta' Jannar 2022. Minkejja li l-kunsill lokali ta' Ħal Lija ma bbenifikax minn xi proġetti li ġew imwettqa mill-Gvern mis-sena 2017 l'hawn, is-Sinjorina Borg qalet li hija diġa kkonsultat mas-sindku dwar din iċ-ċirkulari u xorta qed jiġi ssuġġeriet li l-kunsill

jiprova japplika għal €5,000 biex jiġu rranġati il-pavimentar ta’ Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni.

20.6.1.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk dawn il-fondi jistgħux jiġu utilizzati fuq it-tranġar tal-latrini. Is-sindku wieġeb le peress li l-latrini ma sarux mis-sena 2017 l’hawn lanqas.

20.6.1.5 Il-viċi sindku staqsa jekk dawn il-fondi jistgħux jiġu utilizzati biex tidjieq il-bankina ta’ Vjal it-Trasifurazzjoni miż-żewġ naħat, kif darba kien diġa ddiskutha l-kunsill. Is-sindku wieġeb li le lanqas u dan huwa proġett li fil-futur isir b’fondi oħra li jaf jkunu mħabra.

20.6.1.6 Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

20.6.2.1 <u>Ċirkulari SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament għall-krejazzjoni ta’ Spazji Miftuħa fiċ-ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f’Malta u Għawdex</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill ċirkulari ta’ finanzjament relatata ma’ Krejazzjoni ta’ spazji miftuħa fiċ-ċentru tal-ibliet u l-irħula f’Malta u Għawdex. Kopja ta’ din iċ-ċirkulari ntbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Jekk interessat il-kunsill għandu ċans jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sal-4 ta’ Diċembru 2020.

20.6.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kontenut ta’ din iċ-ċirkulari u spjegat lil kunsilliera kif l-iskop ta’ dan il-finanzjament huwa appuntu sabiex jgħin lill-kunsilli Lokali jagħmlu dak kollu possibbli għall-komunita’ rispettiva tagħhom u jkunu f’pożizzjoni li jistgħu jikkrejaw jew jiżviluppaw spazji miftuħa f’żoni pedonali.

20.6.2.3 Wara dan hija kompliet tgħid kif f’din iċ-ċirkulari hemm imniżżel li l-kunsill ser ikun iffinanzjat 85% tal-ispiża rikjesta skond il-marki allokati mill-Bord tal-Evalwazzjoni u kif il-proġett irid jitlesta sal-Ġimgħa 28 ta’ Jannar 2022. Is-Sinjorina Borg qalet kif hija diġa kkonsultat mas-sindku dwar din iċ-ċirkulari u qed jiġi ssuġġeriet li l-kunsill japplika għal €5,000 biex jkun hemm tibdil tal-bins u bankijiet fl-ispazju miftuħ tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv u l-akwata tal-Housing estate.

20.6.2.4 Is-Sinjorina Lorriane Farrugia ssuġġeriet li l-bankijiet li jinqalaw mill-ġnien u l-*housing estate* u għadhom ikkundizjonati tajbin jeħlu post ieħor fir-raħal fejn m’hemmx bħal Triq il-Mitħna. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia anke ipproponiet li dawn il-bankijiet issirilhom tinda għall-ilqugħ.Is-Sindku ma jaqbilx ma dan is-suġġeriment kompletament, dan għaliex ħafna mill-bankijiet huma antiki, baxxi u m’għadhomx komdi u għalhekk mhux ser ineħħihom minn post u jweħħilhom f’post ieħor.

20.6.2.5 Il-Kunsill unanimament qabel li tiġi sottomessa applikazzjoni biex jinbidlu l-bins u l-bankjiet fiż-żewġ akwati, li kemm jista jkunu jkunu ta’ *low* jew *zero maintenance*.

20.6.3.1 <u>Applikazzjoni ta’ *Enroachment* li l-kunsill issottometta mal-Awtorita tal-Artijiet – (*Update*)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tat *update* dwar il-progress tal-applikazzjoni li ssottometta il-kunsill mal-awtorita tal-Artijiet, għal *enroachment* fuq il-*pitch* tal-5-a-side li jinsab fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Bi pjaċir hija qalet kif sa fl-aħħar din it-talba ġiet milqugħha u approvatha mill-awtorita u fil-jiem li ġejjien għandha tintbgħat ittra uffiċjali lil kunsill b’din l-approvazzjoni u kif ukoll is-sezzjoni tal-*encroachments* qed tiprepara *draft agreement* biex umbgħad tibgħat għall-kunsill ħalli jiġi ffirmat.

20.6.3.2 Il-Kunsill ħa nota ta’ di l-informazzjoni.

20.6.4.1 <u>Proċedura ta’ akkwist għal-binja ġdida għall-uffiċini tal-Kunsill lokali – (*Update)*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tat *update* dwar l-istadji ta’ proċess li wasal il-kunsill fihom biex tiġi akkwista binja alternattiva oħra minn fejn jista jibda jsir l-operat tal-kunsill. Hija qalet li kif kien diġa ġie deċiż fi seduta oħra preċedenti, hija flimkien mas-sindku, ffirmaw estenzjoni tal-kuntratt eżistenti li l-kunsill għandu mal-*university residence* fejn dan il-kuntratt ġie mġedded għal sena oħra, sal-aħħar ta’ 2021. Pero minkejja dan xorta waħda l-kunsill għandu jibda jaħseb kif ser jakkwista binja oħra għax il-proċedura jaf tkun waħda naqra li tirrekjedi ħafna żmien.

20.6.4.2 Għalhekk is-Sinjorina Borg żiedet tgħid kif intbgħatet imejl lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sur Chris Galea, fejn hija talbet gwida dwar kif il-kunsill għandu jiproċedi. Is-Sur Galea dderiġa lil kunsill biex jimxi ma’ ċirkulari nru 13/2020 tad-dipartiment tal-kuntratti. Filfatt hija flimkien mas-sindku qraw din iċ-ċirkulari li l-kontenut tagħha kien aktar jitratta dwar kif wieħed għandu joħroġ sejħa ta’ akkwist. Għalhekk il-kunsill għamel anke kuntatt mad-dipartiment tal-kuntratti biex isiru xi klarifikazzjoni u jiġi ċċarat il-punt jekk il-kunsill jistax joħroġ *expression of interest* lir-residenti madwar ir-raħal kollu biex il-kunsill ikollu idea ta’ x’hawn propjetajiet vakanti fis-suq.

20.6.4.3 Id-dipartiment tal-kuntratti ġie nfurmat kif il-kunsill huwa marbut li l-binja naturalment trid tkun fir-raħal ta' Ħal Lija u kif qabel ma tinħareġ sejħa l-kunsill l-ewwel irid ikun jaf x'hawn fis-suq biex b'hekk jiġi determinat x'tip ta' sejħa għandha tinħareġ, jekk mhux għal bini bi xiri jew kiri.

20.6.4.4 Id-Dipartiment tal-kuntratti fehem il-pożizzjoni tal-kunsill u jidher li ngħatat *concession* biex il-kunsill joħroġ *expression of interest* lir-residenti. L-istess dipartiment issuġġerrixxa ukoll li l-kunsill għandu jikteb lil Awtorita tal-Artijiet u l-Joint office biex huma jiddeterminaw jekk għandhomx xi propjeta li jistgħu jagħtu lil kunsill f'Ħal Lija, b'ċerti rekweżiti kif mixtieqa mill-kunsill. Filfatt is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ntbgħatet imejl lis-Sur James Piscopo li huwa ic-*chair person* taż-żewġ entitajiet, fejn dan diġa wieġeb li ser jikkuntatja lil kunsill fil-jiem li ġejjien b'risposta.

20.6.4.5 Fil-jiem li ġejjien is-Sinjorina Borg qalet li hija ser tkun ukoll qed tikkonsulta mas-sindku biex tiġi pprepartha *expression of interest* li umbgħat tintbgħat lir-residenti kollha, ħalli minn għandu xi binja li jixtieq jikri jew jbiegħ lil kunsill jagħmel kuntatt mal-kunsill.

20.6.4.6 Il-Kunsill unanimament qabel u ħa nota ta' din l-informazzjoni.

20.6.5.1 <u>SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' proġetti kapitali – Aċċessibilita u Mobilita' – (update dwar l-applikazzjoni li għandha tiġi sottomessa mill-kunsill sal-aħħar ta' Ottubru 2020</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tat *update* dwar l-istadji li l-kunsill wasal fihom biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal *open air gym* taħt skema nru SPI/SCI/3/2020, kif kien ġie deċiż fis-seduta preċedenti. Hija spjegat kif minn naħa tal-amministrazzjoni tal-kunsill, l-applikazzjoni ġiet mimlija u hija kompluta. Kull ma baqa jiġi klarifikat huwa l-istima tal-ispiża totali u l-i*sketch* ta' kif ser jitpoġġa l-*equipment*.

20.6.5.2 Is-Sinjorina Borg qalet kif hija ġabret 4 kwotazzjonijiet differenti li fihom hemm inkluż stima flimkien ma' *sketch* u resqitom għall-approvazzjoni fuq il-mejda tal-kunsill, flimkien mal-applikazzjoni. Kopja tal-kwotazzjonijiet ingħataw lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Hija talbet lil kunsilliera biex jażlu kwotazzjoni waħda li jixtiequ jipproċedu biha biex tkun tista tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

20.6.5.3 Wara diskussjoni li saret, il-kunsill kollu unanimament qabel li l-kunsill għandu jissottometti l-applikazzjoni bil-kwotazzjoni li ngħatat mill-kumpanija Urban Play. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tmexxi hi din l-applikazzjoni u tissottomettiha mad-dipartiment sal-aħħar tax-xahar.

20.6.6.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart għall-perjodu minn Jannar sa Settembru 2020</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport ta' kull kwart għall-perjodu minn Jannar sa Settembru 2020, kif ippreparat mill-*accountant*. L-*accountant* ma setax ikun preżenti għal waqt il-laqgħa biex jagħti spjegazzjoni tar-rapport u għalhekk dan ir-rapport ġie spjegat mis-sindku, is-Sur Dalli.

20.6.6.2 Is-Sur Dalli qal kif dan ir-rapport juruili finanzjament il-kunsill qiegħed kif suppost. Ir-Rapport juri kif għall-perjodu minn Jannar sa Settembru 2020, bħala dħul kien hemm €251,420 li din il-figura tinkorpora fiha €226,439 allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali, €7,646 dħul minn Bye-Laws, €1,186 dħul minn LES u €16,149 dħul ieħor.

20.6.6.3 B'kollox tul dan il-perjodu saret nefqa totali ta' €263,913 li din in-nefqa tinkorpora fiha €69,067 salarji u pagi, €103,171 servizzi u manutenzjoni, €37,825 amministrazzjoni u €53,850 infiq ieħor. B'hekk il-kunsill għandu deficit ta' €12,493. Is-Sindku rrimarka li l-FSI, kkumparata mal-FSI tat-tieni rapport ta' kull kwart li sar qabel dan, għoliet għal 180%.

20.6.6.4 Is-sindku staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet, u mistoqsijiet ma kienx hemm. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-kunsillier Joseph Zahra.

20.6.7.1 <u>Xiri ta' djarji għas-sena 2020</u>
B'konsultazzjoni mas-sindku, is-segretarju eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill proposta biex jerġgħu jiġu ordnati u jinxtraw għoxrin djarju kannella mill-ħoxnin u għoxrin djarju blu mill-irqaq, bl-arma tal-kunsill lokali. Hija qalet kif qiegħda fil-proċess li xorta terġa iġġib kwotazzjoni qabel dawn jinxtraw. Sissa l-kunsill rċieva l-kwotazzjoni għad-djarji l-irqaq biss.

20.6.7.2 Il-Kunsill unanimament approva li jiġu ordnati dawn id-djarji, kemm mill-ħoxnin u kif ukoll mill-irqaq.

20.6.8.1 <u>Preparazzjonijiet għal-ħruġ tat-tieni fuljett tal-kunsill lokali (Fuljett għal żmien il-Milied)</u>
Fuq xewqa tas-sindku, is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif ser jibdew isiru preparazzjonijiet biex jinħareġ it-tieni fuljett tal-kunsill lokali. It-Tijr huwa li dan il-fuljett joħroġ għal żmien il-Milied. Is-Sinjorina Borg ħalliet f'idejn is-sindku biex jitkellem aktar fid-dettal dwar dan l-item.

20.6.8.2 Is-Sur Dalli qal li ser jibda bit-tħejjija biex jiġi preparat fuljett ieħor li jitqassam fir-raħal għaż-żmien tal-Milied. Għalhekk huwa talab lil kunsilliera biex jibdew jaħsbu x'jixtiequ jiktbu fil-fuljett dwar id-delegi tagħhom u x-xogħol li qed jwettaq il-kunsill. Huma ġew mitluba biex ilestu *write-up* ta' mhux aktar minn paġna u jibgħatuha lis-Segretarju Eżekuttiv sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2020.

20.6.8.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu u ħadu nota dwar dan.

20.6.9.1 <u>Applikazzjoni biex isiru l-*parking bays* fit-toroq kollha fl-akwata tal-Mirakli</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba fuq il-mejda biex issir applikazzjoni ma' TM u jsiru l-linji tal-*parking bays* f'dawk it-toroq kollha li hemm fl-akwata tal-Mirakli li eżistenti m'għandhomx linji.

20.6.9.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma taqbilx li għandha issir l-implementazzjoni ta' sinjali u linji tal-*parking bays* fi Triq Egidio Lapira u Triq Santa Mansweta. Hija qalet li l-aħjar ħaġa huwa li r-residenti jitħallew jipparkaw kif inhuma bħalissa bi ftehiem ma' xulxin. Barra minn hekk hija tenniet li b'dawn is-sinjali speċjalment bid-*double yellow lines* fil-kantuniera u mal-ġnub tal-garaxxijiet ser jintilfu xi parkeġġi.

20.6.9.3 Is-Sur Dalli spjegalha kif ikun hemm jew ma jkunx hemm *double yellow lines* fil-kantunieri xorta ma jistax jsir parkeġġ fil- 5 metri ta' kantuniera u wieħed dejjem jista jiġi mħarrek meta jipparkja hekk. Barra minn hekk huwa qal li kellu xi talbiet mingħand xi nies li jgħixu fl-akwata stess biex dawn il-linji u parking bays jiġu filfatt implementati.

20.6.9.4 Is-Sindku kompla fejn staqsa 'jekk issir xi aċċident fil-kantuniera min ser jerfa r-responsabbilta?'. Għalhekk ġie approvat li l-kunsill xorta japplika għal *parking bays* fit-toroq fl-akwati tal-Mirakli li eżistenti m'għandhomx linji u ser jiġu preparati l-applikazzjonijiet biex jintbgħatu għall-approvazzjoni ta' TM. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li qabel ma' il-kunsill japplika mat-TM, l-aħjar li jikkonsulta mar-residenti li jgħixu f'din l-akwata biex ikun hemm konferma li dawn vera jriduhom. Hija tissuġġerrixxi li għandhom jintbgħatu ttri fir-residenzi. Is-Sur Dalli qal li mhux neċessarju li jintbgħatu dawn l-ittri lir-residenti għaliex ir-residenti stess jriduhom dawn il-linji u lis-sindku r-residenti kienu ilhom jitolbuh dawn il-linji minn meta kien qed idur għall-elezzjoni.

20.6.10.1 <u>Manutenzzjoni tal-arbli tad-dawl li hemm fil-Ġnien tal-Mirakli</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba fuq il-mejda tal-kunsill biex issir manutenzzjoni fuq l-arbli li hemm ġewwa il-ġnien Tal-Mirakli, li jaħdmu bil-panelli. Biex dawn jerġgħu jinxtelu mill-ġdid il-kunsill jrid jinvesti fix-xiri ta' battries ġodda għal dawn l-arbli.

20.6.10.2 Il-Kunsilliera unanimament qablu dwar dan u peress li dawn il-batteriji jaf jiswew aktar minn 800 ewro kien hemm qbil biex dawn jinbdlu bilmod, wieħed wieħed, skond il-finanzi tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser iġġib stima mingħand il-kuntrattur tad-dawl.

## 20.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjes oħra

20.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 11/20 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €107.59 għax-xahar ta' Settembru.

20.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 20.8 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

20.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif applikazzjonijiet riċenti alarmanti ma kien hemm xejn ġdid ġewwa Ħal Lija.

## 20.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

20.9.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

20.9.2 Il-kunsillier Cini tkellem dwar l-iskema li hemm mal-AKL u TM fejn kunsilli lokali qed jingħataw l-opportunita biex japplikaw jekk jridu għal xi akwati fir-raħal biex dawn jinqelbu għal żoni pedonali. Inkonnessjoni ma' din l-iskema huwa ressaq suġġeriment biex l-isqaq żgħir li hemm jinfed minn Triq N.Cottoner għal Triq Sant Andrija jingħalaq bil-bollards, ma jkunx hemm aċċess aktar għal vetturi minn dan l-isqaq u jsir pedonali għal kollox. Is-Sur Cini talab lil kunsilliera biex jaħsbu fuq dan is-suġġeriment u ssir diskussjoni fuqha fis-seduta li jmiss.

20.9.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tat update dwar il-kors tal-kulturali li hija qed tattendi onlajn, ikko-ordinat mir-Reġjun Ċentru. Hija qalet kif ħafna mill-materjal li qed jiġi diskuss f'dan il-kors ma tantx huwa relatat mal-kultura pero hija xorta waħda ser tibqa tattendi għalih sal-aħħar.

20.9.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li hemm xi ħadid nieqes mill-Mitħna biex dan jiġi rranġat. Is-sindku qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv diġa kellhom *meeting* mal-Ministru Herrera dwar dan u l-Ministru għandu jagħti l-għajnuna tiegħu biex jintbgħat xi ħadd mill- *Heritage* jevalwa l-istat tal-Mitħna u biex jekk hemm bżonn tiġi rrestawratha. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat *reminder* lil Ministru dwar din it-talba.

20.9.5 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia tkellem dwar l-imejl li ntbgħatet mill-AKL dwar il-*president fun walk*. Peress li din is-sena l-*president fun walk* mhux ser issir kif issir is-soltu minħabba il-*covid-19* ġie ssuġġerriet li ssir *fun walk* żgħira f'kull lokalita bl-għajnuna tal-kunsilli. Is-Sur Mallia qal li tkun idea sabiħa li din issir u dejjem jekk il-kunsill jaqbel, huwa lest li jieħu ħsieb jorganizza din il-*fun walk* madwar ir-raħal. Il-Kunsill unanimament qabel u s-Sur Mallia ser ikun qed jaħdem mas-Segretarju Eżekuttiv biex tinsab rotta għal din il-*fun walk* u tiġi organizzata din l-attivita. Sa dan it-tant ser jiġi mistoqsi lil AKL jekk din l-attivta xorta tistax issir anke jekk ikun hemm inqas minn 100 parteċipant.

20.9.6 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera li fit-8 ta' Novembru 2020 ser isir it-tberik taċ-ċimiterju u huwa tal-parir li l-kunsill iġib gwardjan biex mit-8:00am sal-12:00pm ikun stazzjoni fuq il-post għal *safety* u jgħin iwaqqaf it-traffiku biex in-nies ikunu jistgħu faċilment jaqsmu minn naħa għall-oħra. Il-Kunsill qabel li jiġi orndnat dan il-gwardjan.

20.9.7 Il-laqgħa ntemmet fil-5:45pm.

20.9.8 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv